II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2153

tas-16 ta' Diċembru 2019

dwar it-tariffi u l-imposti applikati mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 319/2014

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ([1]) u, b'mod partikolari, l-Artikolu 126(4) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) F'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139, id-dħul tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (l-Aġenzija) jinkludi, fost l-oħrajn, it-tariffi mħallsa minn applikanti għal, u d-detenturi ta', ċertifikati maħruġa mill-Aġenzija, u minn persuni li għandhom dikjarazzjonijiet irreġistrati mal-Aġenzija, u l-imposti għal pubblikazzjonijiet, trattament tal-appelli, taħriġ u kwalunkwe servizz ieħor ipprovdut mill-Aġenzija.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 319/2014 ([2]) stabbilixxa t-tariffi u l-imposti li għandhom jiġu applikati mill-Aġenzija. Madankollu, it-tariffi jeħtieġ li jiġu aġġustati sabiex jinkiseb l-irkupru tal-ispejjeż, filwaqt li tiġi evitata akkumulazzjoni sinifikanti ta' bilanċ favorevoli, f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 126(2) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

(3) F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jitqiesu l-previżjonijiet tal-Aġenzija fir-rigward tal-ammont ta' xogħol tagħha, l-ispejjeż relatati u fatturi rilevanti oħrajn.

(4) Jenħtieġ li t-tariffi u l-imposti previsti f'dan ir-Regolament jiġu stabbiliti b'mod trasparenti, ġust, mhux diskriminatorju u uniformi.

(5) Mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-kopertura tal-ispejjeż stabbilit fl-Artikolu 126 tar-Regolament (UE) 2018/1139, it-tariffi u l-imposti applikati mill-Aġenzija jenħtieġ li ma jipperikolawx il-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni kkonċernata. Bl-istess mod, jenħtieġ li dawn jiġu stabbiliti fuq bażi li tqis kif xieraq il-kapaċità tal-persuni ġuridiċi jew fiżiċi kkonċernati li jħallsu, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

(6) Filwaqt li jenħtieġ li s-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili tkun it-tħassib ewlieni, madankollu, jenħtieġ li l-Aġenzija tqis b'mod sħiħ il-kosteffiċjenza meta tkun qed twettaq il-kompiti li huma d-dmir tagħha, filwaqt li tqis il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk il-kompiti, kif inhuma bħalissa wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2018/1139, u r-riżorsi disponibbli għaliha.

(7) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkun tista' timponi tariffi u imposti għall-kompiti ta' ċertifikazzjoni jew għall-forniment ta' servizzi oħrajn, li mhumiex imsemmija speċifikament fl-Anness għal dan ir-Regolament, iżda li jaqgħu taħt il-kompetenza tar-Regolament (UE) 2018/1139.

([1]) ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 319/2014 tas-27 ta' Marzu 2014 dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 593/2007 (ĠU L 93, 28.3.2014, p. 58).

(8) Jenħtieġ li l-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 68(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139 jipprovdu bażi għall-evalwazzjoni tal-ammont ta' xogħol attwali involut fiċ-ċertifikazzjoni ta' prodotti ta' pajjiżi terzi. Fil-prinċipju, il-proċess għall-validazzjoni mill-Aġenzija taċ-ċertifikati maħruġa minn pajjiż terz li miegħu l-Unjoni għandha ftehim xieraq, huwa deskritt f'tali ftehim u jenħtieġ li jirriżulta f'ammont ta' xogħol differenti mill-ammont ta' xogħol meħtieġ għall-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni mill-Aġenzija.

(9) Jenħtieġ li jiġu ffissati limiti ta' żmien għall-ħlas tat-tariffi u l-imposti applikati skont dan ir-Regolament.

(10) Sabiex it-tariffi u l-imposti jkunu jistgħu jiġu rkuprati bl-aktar mod sħiħ possibbli, jenħtieġ li jiġu stipulati rimedji xierqa f'każijiet ta' nuqqas ta' ħlas u riskju ta' nuqqas ta' ħlas.

(11) Jenħtieġ li l-pożizzjoni ġeografika tal-impriżi fit-territorji tal-Istati Membri ma tkunx fattur diskriminatorju. Konsegwentement, jenħtieġ li l-ispejjeż tal-ivvjaġġar relatati mal-kompiti ta' ċertifikazzjoni mwettqa f'isem [tali] impriżi jinġabru u jinqasmu bejn l-applikanti.

(12) Jenħtieġ li l-applikanti jkunu jistgħu jitolbu stima tal-ammont li għandu jitħallas għall-kompiti u s-servizzi ta' ċertifikazzjoni, sabiex tiżdied il-prevedibbiltà. F'ċerti każijiet, it-tħejjija tal-istima tista' tirrikjedi li l-Aġenzija twettaq analiżi teknika minn qabel. Minħabba l-ispiża ta' analiżi bħal din, huwa ġustifikat li l-Aġenzija tiġi rimunerata kif xieraq.

(13) Huwa raġonevoli li l-ħlas sħiħ tal-imposti għal appell kontra d-deċiżjonijiet tal-Aġenzija jkun prerekwiżit sabiex appell ikun ammissibbli.

(14) Filwaqt li jenħtieġ li dan ir-Regolament jippermetti lill-industrija tanticipa l-livell tat-tariffi u l-imposti li hija tkun meħtieġa tħallas, huwa meħtieġ li jiġi eżaminat regolarment jekk it-termini tiegħu għandhomx bżonn jiġu riveduti, f'konformità mal-Artikolu 126(3) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

(15) Jenħtieġ li l-partijiet interessati jiġu kkonsultati qabel kwalunkwe bidla fit-tariffi u jenħtieġ li huma jingħataw informazzjoni dwar kif jiġu kkalkolati t-tariffi. Jenħtieġ li din l-informazzjoni tipprovdi lill-partijiet interessati b'għarfien dwar l-ispejjeż imġarrba mill-Aġenzija u l-produttività tagħha.

(16) Jenħtieġ li r-reviżjoni tat-tariffi ssegwi proċedura li tippermetti emenda mingħajr dewmien żejjed abbażi tal-esperjenza tal-Aġenzija miksuba mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-monitoraġġ kontinwu tar-riżorsi u tal-metodoloġija tal-ħidma u l-valutazzjoni kontinwa tal-ħtiġijiet finanzjarji.

(17) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 319/2014 jitħassar, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali.

(18) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat stabbilit fl-Artikolu 127(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jiddetermina l-kwistjonijiet li għalihom huma dovuti tariffi u imposti lill-Aġenzija, u jistabbilixxi l-ammont tat-tariffi u l-imposti u l-mod kif dawn għandhom jitħallsu.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "tariffi" tfisser l-ammonti applikati mill-Aġenzija u li għandhom jitħallsu mill-applikanti għall-kompiti ta' ċertifikazzjoni;

(b) "imposti" tfisser l-ammonti applikati mill-Aġenzija għas-servizzi pprovduti minbarra l-kompiti ta' ċertifikazzjoni;

(c) "kompitu ta' ċertifikazzjoni" tfisser kwalunkwe attività mwettqa mill-Aġenzija direttament jew indirettament għall-finijiet tal-ħruġ, taż-żamma jew tal-emendar taċ-ċertifikati skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati abbażi ta' dak ir-Regolament;

(d) "servizz" tfisser kwalunkwe attività mwettqa mill-Aġenzija minbarra l-kompiti ta' ċertifikazzjoni, inkluża l-provvista tal-merkanzija;

(e) "applikant" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li titlob kompitu ta' ċertifikazzjoni jew servizz ipprovdut mill-Aġenzija;

(f) "ċiklu tal-fatturazzjoni" tfisser il-perjodu rikorrenti ta' 12-il xahar applikat għall-proġetti pluriennali u għall-kompiti ta' sorveljanza. Il-perjodu jibda:

(1) għat-tariffi u l-imposti elenkati fit-tabelli 1 sa 6 tal-Parti I tal-Anness, fid-data ta' meta tasal l-applikazzjoni;

(2) għat-tariffi elenkati fit-tabella 8 tal-Parti I tal-Anness, fl-1 ta' Ġunju wara l-ħruġ taċ-ċertifikat;

(3) għat-tariffi tal-approvazzjoni elenkati fit-tabelli 9 sa 15 tal-Parti I tal-Anness, fid-data ta' meta tasal l-applikazzjoni;

(4) għat-tariffi tas-sorveljanza elenkati fit-tabelli 9 sa 15 tal-Parti I tal-Anness, fid-data ta' meta jinħareġ iċ-ċertifikat.

Artikolu 3

Determinazzjoni tat-tariffi u tal-imposti

1. It-tariffi u l-imposti għandhom jintalbu u jiġu imposti mill-Aġenzija biss f'konformità ma' dan ir-Regolament.

2. F'dawk il-każijiet li għalihom dan ir-Regolament ma jipprevedix mod ieħor, it-tariffi u l-imposti għandhom jiġu kkalkolati bir-rata fis-siegħa indikata fil-Parti II tal-Anness.

3. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu tariffi għall-kompiti li jaqgħu taħt il-mandat tal-Aġenzija, anki jekk huma jwettqu dawk il-kompiti f'isem l-Aġenzija. L-Aġenzija għandha tirrimborża lill-Istati Membri għall-kompiti li jwettqu f'isimha.

4. It-tariffi u l-imposti għandhom ikunu denominati u pagabbli fil-munita euro.

5. L-ammonti msemmija fil-Partijiet I, II u IIa tal-Anness għandhom jiġu indiċjati, b'effett mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, skont ir-rata ta' inflazzjoni f'konformità mal-metodu stabbilit fil-Parti IV tal-Anness.

6. B'deroga mit-tariffi msemmija fl-Anness, it-tariffi għall-kompiti ta' ċertifikazzjoni mwettqa fil-kuntest ta' ftehim bilaterali bejn l-Unjoni u pajjiż terz jistgħu jkunu soġġetti għal dispożizzjonijiet iddedikati stipulati fil-ftehim bilaterali rispettiv.

Artikolu 4

Il-ħlas tat-tariffi jew tal-imposti

1. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi t-termini tal-ħlas tat-tariffi u tal-imposti, billi tiddeskrivi taħt liema kundizzjonijiet l-Aġenzija titlob ħlas għall-kompiti u s-servizzi ta' ċertifikazzjoni. L-Aġenzija għandha tippubblika t-termini fuq is-sit web tagħha.

2. L-applikant għandu jħallas l-ammont dovut kollu, fi żmien 30 jum kalendarju mid-data li fiha l-fattura tiġi nnotifikata lill-applikant.

3. Meta l-ħlas ta' fattura ma jkunx ġie riċevut mill-Aġenzija wara l-perjodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 2, l-Aġenzija tista' titlob il-ħlas ta' mgħax għal kull jum kalendarju ta' dewmien.

4. Ir-rata tal-imgħax għandha tkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament prinċipali tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fis-seħħ fl-ewwel jum kalendarju tax-xahar li fih taqa' d-data ta' maturità, miżjuda bi tmien punti perċentwali.

Artikolu 5

Rifjut jew terminazzjoni għal raġunijiet finanzjarji

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' proċedura tal-Aġenzija, l-Aġenzija tista':

(a) tirrifjuta applikazzjoni jekk it-tariffi jew l-imposti dovuti ma jkunux waslu mal-iskadenza tal-perjodu ta' żmien previst fl-Artikolu 4(2);

(b) tirrifjuta jew tittermina applikazzjoni fejn ikun hemm evidenza li l-kapaċità finanzjarja tal-applikant tkun f'riskju, sakemm l-applikant ma jipprovdix garanzija bankarja jew depożitu garantit;

(c) tirrifjuta jew tittermina applikazzjoni fil-każijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(4);

(d) tirrifjuta talba għat-trasferiment ta' ċertifikat, meta l-obbligi tal-ħlas li jirriżultaw mill-kompiti ta' ċertifikazzjoni mwettqa jew mis-servizzi pprovduti mill-Aġenzija ma jkunux ġew issodisfati.

2. Qabel ma tipproċedi f'konformità mal-paragrafu 1, l-Aġenzija għandha tikkonsulta mal-applikant dwar il-miżura maħsuba tal-Aġenzija.

Artikolu 6

Spejjeż tal-ivvjaġġar

1. Meta jitwettaq kompitu jew servizz ta' ċertifikazzjoni, kompletament jew parzjalment, barra mit-territorji tal-Istati Membri, l-applikant għandu jħallas l-ispejjeż tal-ivvjaġġar skont il-formula: d = v + a + h – e.

2. Għall-fini tal-formula msemmija fil-paragrafu 1, għandu japplika dan li ġej:

d = spejjeż tal-ivvjaġġar dovuti;

v = spejjeż tat-trasport;

a = rati standard uffiċjali tal-Kummissjoni għal "per diems" li jkopru l-akkomodazzjoni, l-ikel, l-ivvjaġġar lokali fil-post tal-missjoni u spejjeż oħrajn ([3]);

h = ħin tal-ivvjaġġar (numru standard ta' sigħat tal-ivvjaġġar għal kull destinazzjoni, kif stabbilit mill-Aġenzija), bir-rata fis-siegħa stabbilita fil-Parti II tal-Anness ([4]); fil-każ ta' missjonijiet relatati ma' diversi proġetti, l-ammont għandu jiġi suddiviż kif xieraq;

e (komponent elettroniku) = l-ispejjeż medji tal-ivvjaġġar fit-territorji tal-Istati Membri, li jinkludu l-ispejjeż medji tat-trasport u l-ħin medju tal-ivvjaġġar fit-territorji tal-Istati Membri, immultiplikati bir-rata fis-siegħa stabbilita fil-Parti II tal-Anness. Dan huwa soġġett għal rieżami u indiċjar annwali.

3. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar imġarrba fil-kuntest tal-forniment tas-servizzi msemmija fl-Artikolu 14(2) għandhom jintalbu esklussivament f'konformità mal-Parti IIa tal-Anness.

Artikolu 7

Stima finanzjarja

1. Fuq talba ta' applikant, u soġġetta għall-paragrafu 2, l-Aġenzija għandha tipprovdi stima finanzjarja.

2. F'każijiet fejn, minħabba l-kumplessità mistennija tal-proġett, l-istima finanzjarja ta' hawn fuq tkun teħtieġ analiżi teknika minn qabel mill-Aġenzija, il-ħlas għal din l-analiżi għandu jintalab fuq bażi ta' kull siegħa, skont ftehim kuntrattwali li għandu jiġi ffirmat bejn l-applikant u l-Aġenzija.

([3]) Ara "Ir-rati attwali tal-per diems" kif ikkomunikati fuq is-sit web ta' EuropeAid tal-Kummissjoni (http://ec.europa.eu/europeaid/work/procedures/ implementation/per_diems/index_en.htm).

([4]) Ara "Numru standard ta' sigħat" kif ikkomunikat fil-"Lista standard tal-ħin tal-ivvjaġġar" fuq is-sit web tal-Aġenzija (https://www.easa.europa.eu/).

3. L-attivitajiet għandhom jiġu sospiżi fuq talba magħmula mill-applikant sakemm l-istima mitluba tkun ġiet ipprovduta mill-Aġenzija u aċċettata mill-applikant.

4. L-istima finanzjarja għandha tiġi emendata mill-Aġenzija jekk jidher li l-kompitu huwa aktar sempliċi jew li jista' jitwettaq aktar malajr milli kien inizjalment previst jew, għall-kuntrarju, jekk huwa aktar kumpless u jieħu aktar żmien sabiex jitwettaq milli setgħet raġonevolment tipprevedi l-Aġenzija.

KAPITOLU II

TARIFFI

Artikolu 8

Dispożizzjonijiet ġenerali fir-rigward tal-ħlas tat-tariffi

1. It-twettiq tal-kompiti ta' ċertifikazzjoni huwa soġġett għal ħlas minn qabel tal-ammont sħiħ tat-tariffa dovuta, sakemm l-Aġenzija ma tiddeċidix mod ieħor wara kunsiderazzjoni xierqa tar-riskji finanzjarji involuti. L-Aġenzija tista' toħroġ fattura waħda globali għat-tariffa dovuta wara li tkun irċeviet l-applikazzjoni jew fil-bidu tal-perjodu annwali jew dak ta' sorveljanza.

2. It-tariffa li għandha titħallas mill-applikant għal kompitu ta' ċertifikazzjoni partikolari għandha tikkonsisti f'waħda minn dawn li ġejjin:

(a) tariffa b'rata fissa kif stabbilit fil-Parti I tal-Anness;

(b) tariffa b'rata varjabbli.

3. It-tariffa b'rata varjabbli msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2 għandha tiġi stabbilita permezz tal-moltiplikazzjoni tan-numru attwali ta' sigħat tax-xogħol bir-rata fis-siegħa stabbilita fil-Parti II tal-Anness.

4. Meta jkun iġġustifikat miċ-ċirkostanzi tekniċi rilevanti għat-tariffi stabbiliti b'dan ir-Regolament, l-Aġenzija tista', soġġett għall-qbil tal-applikant:

(a) tikklassifika mill-ġdid applikazzjoni fil-kategoriji identifikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

(b) tikklassifika mill-ġdid diversi applikazzjonijiet bħala applikazzjoni waħda, diment li dawk l-applikazzjonijiet ikunu jikkonċernaw l-istess disinn tat-tip u li jkunu jappartjenu għal waħda jew aktar minn dawn li ġejjin, fi kwalunkwe kombinazzjoni:

   i. Bidliet Maġġuri,

   ii. Tiswijiet Maġġuri, jew

   iii. Ċertifikati tat-Tip Supplimentari.

Meta l-applikant ma jaqbilx mar-riklassifikazzjoni proposta, l-Aġenzija tista' tirrifjuta jew tittermina l-applikazzjoni(jiet) ikkonċernata/i.

Artikolu 9

Perjodi tal-ħlas

1. It-tariffi msemmija fit-Tabelli 1, 2 u 3 tal-Parti I tal-Anness għandhom jiġu applikati għal kull applikazzjoni u għal kull perjodu ta' 12-il xahar. Għall-perjodu wara l-ewwel 12-il xahar, it-tariffi ta' kuljum għandhom jammontaw għal 1/365 tat-tariffa annwali rilevanti.

2. It-tariffi msemmija fit-Tabella 4 tal-Parti I tal-Anness għandhom jiġu applikati għal kull applikazzjoni.

3. It-tariffi msemmija fit-Tabella 8 tal-Parti I tal-Anness għandhom jiġu applikati għal kull perjodu ta' 12-il xahar.

4. It-tariffi msemmija fit-Tabelli 9 sa 14 tal-Parti I tal-Anness għandhom jiġu applikati kif ġej:

(a) it-tariffi tal-approvazzjoni għandhom jiġu applikati għal kull applikazzjoni;

(b) it-tariffi tas-sorveljanza għandhom jiġu applikati għal kull perjodu ta' 12-il xahar;

Kwalunkwe bidliet f'organizzazzjoni li jaffettwaw l-approvazzjoni tagħha għandhom l-effett ta' kalkolu mill-ġdid tat-tariffa tas-sorveljanza dovuta għall-perjodu tat-12-il xahar li jmiss wara l-approvazzjoni tal-bidla.

5. Fil-każijiet imsemmija fil-punt f) 2) tal-Artikolu 2, it-tariffi għall-perjodu bejn id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat u l-bidu tal-ewwel ċiklu ta' fatturazzjoni wara dan għandhom jiġu kkalkolati *pro-rata temporis*, abbażi tat-tabella 8 tal-Parti I tal-Anness.

6. Meta r-riklassifikazzjoni ta' applikazzjoni twassal għal bidla tat-tariffi applikabbli, it-tariffi għandhom jiġu kkalkolati mill-ġdid kif ġej:

(a) għat-tariffi imposti għal kull applikazzjoni, it-tariffa għandha tiġi kkalkulata mill-ġdid mid-data ta' meta tasal l-applikazzjoni;

(b) għat-tariffi imposti għal kull applikazzjoni u għal kull perjodu ta' 12-il xahar, it-tariffa għandha tiġi kkalkulata mill-ġdid għaċ-ċiklu attwali ta' fatturazzjoni u 'l quddiem.

(c) meta l-Aġenzija tikklassifika mill-ġdid diversi applikazzjonijiet bħala applikazzjoni waħda f'konformità mal-Artikolu 8 (4), it-tariffa għandha tiġi kkalkulata mill-ġdid mid-data meqjusa bħala rilevanti għar-riklassifikazzjoni.

Artikolu 10

Ir-rifjut tal-applikazzjonijiet, it-terminazzjoni u l-interruzzjoni tat-twettiq tal-kompiti relatati mal-applikazzjonijiet

1. Meta applikazzjoni tiġi rrifjutata, jew it-twettiq ta' kompitu relatat ma' applikazzjoni jiġi tterminat jew interrott, it-tariffi applikabbli flimkien mal-ispejjeż tal-ivvjaġġar relatati u kwalunkwe ammont dovut ieħor għandhom jitħallsu kollha fil-ħin li l-Aġenzija tieqaf twettaq il-kompitu.

2. Meta applikazzjoni tiġi rrifjutata jew it-twettiq ta' kompitu relatat ma' applikazzjoni jiġi tterminat, il-bilanċ ta' kwalunkwe tariffa dovuta għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

(a) għat-tariffi msemmija fit-Tabelli 1, 2 u 3 tal-Parti I tal-Anness, imposti għal kull applikazzjoni u għal kull perjodu ta' 12-il xahar, il-bilanċ ta' kwalunkwe tariffa dovuta għaċ-ċiklu ta' fatturazzjoni li jkun għaddej għandu jkun 1/365 tat-tariffa annwali rilevanti għal kull jum. Għall-perjodi ta' qabel il-perjodu ta' 12-il xahar li jkun għaddej, it-tariffi applikabbli jibqgħu dovuti;

(b) għat-tariffi msemmija fit-Tabelli 4 u 15 tal-Parti I tal-Anness u għat-tariffi fissi msemmija fil-Parti II tal-Anness, imposti għal kull applikazzjoni, il-bilanċ ta' kwalunkwe tariffa dovuta għandu jkun 50 % tat-tariffa applikabbli;

(c) għat-tariffi msemmija fit-Tabelli 9 sa 14 tal-Parti I tal-Anness, imposti għal kull applikazzjoni, il-bilanċ ta' kwalunkwe tariffa dovuta għandu jiġi kkalkolat fuq bażi ta' kull siegħa, iżda ma għandux jaqbeż it-tariffa b'rata fissa applikabbli;

(d) għat-tariffi msemmija fil-Parti II tal-Anness, imposti fuq bażi ta' kull siegħa, il-bilanċ ta' kwalunkwe tariffa dovuta għandu jiġi kkalkolat fuq bażi ta' kull siegħa;

(e) għal kwalunkwe tariffa mhux imsemmija fil-punti (a) sa (d), il-bilanċ dovut għandu jiġi kkalkolat fuq bażi ta' kull siegħa, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor bejn l-applikant u l-Aġenzija.

3. Meta interruzzjoni tat-twettiq ta' kompitu relatat ma' applikazzjoni tidħol fis-seħħ fl-ewwel ċiklu ta' fatturazzjoni, it-tariffi għal dak iċ-ċiklu ta' fatturazzjoni ma għandhomx jiġu rrimborżati. Meta tali interruzzjoni tidħol fis-seħħ wara l-ewwel ċiklu ta' fatturazzjoni, il-bilanċ ta' kwalunkwe tariffa dovuta għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-punt (a) tal-paragrafu 2. Meta, wara interruzzjoni tat-twettiq ta' kompitu relatat ma' applikazzjoni, l-Aġenzija tissokta bit-twettiq ta' dak il-kompitu, awtomatikament wara li jiskadi l-perjodu ta' interruzzjoni magħżul mill-applikant jew aktar kmieni fuq talba tal-applikant, l-Aġenzija għandha timponi tariffa ġdida, irrispettivament mit-tariffi li jkunu diġà tħallsu għall-kompitu interrott.

4. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament,

(a) it-terminazzjoni tat-twettiq ta' kompitu fuq talba tal-applikant għandha titqies effettiva fid-data li fiha tasal it-talba;

(b) it-terminazzjoni tat-twettiq ta' kompitu fuq inizjattiva tal-Aġenzija għandha titqies effettiva fid-data li fiha d-deċiżjoni dwar it-terminazzjoni tiġi kkomunikata lill-applikant;

(c) l-interruzzjoni tat-twettiq ta' kompitu fuq talba tal-applikant għandha titqies effettiva fid-data indikata mill-applikant, iżda mhux qabel id-data meta t-talba tasal għand l-Aġenzija.

5. It-tariffi mħallsin għal kompitu relatat ma' applikazzjoni, li t-twettiq tiegħu jkun ġie tterminat, ma għandhomx jitqiesu għal kwalunkwe kompitu sussegwenti, anki jekk ikun tal-istess natura bħall-kompitu tterminat.

Artikolu 11

Is-sospensjoni jew ir-revoka taċ-ċertifikati

1. Jekk it-tariffi pendenti ma jkunux waslu sad-data ta' skadenza tal-perjodu ta' żmien previst fl-Artikolu 4(2), l-Aġenzija tista' tissospendi jew tirrevoka ċ-ċertifikat rilevanti wara li tkun ikkonsultat mad-detentur taċ-ċertifikat.

2. Jekk l-Aġenzija tissospendi ċertifikat minħabba li d-detentur taċ-ċertifikat jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli jew jonqos milli jħallas tariffa annwali jew it-tariffa ta' sorveljanza, l-Aġenzija għandha, minkejja tali sospensjoni, tkompli toħroġ fattura għat-tariffa annwali jew għat-tariffa ta' sorveljanza f'pagament parzjali wieħed fil-bidu tal-perjodu annwali jew f'dak ta' sorveljanza. L-Aġenzija tista' tirrevoka ċ-ċertifikat rilevanti jekk id-detentur taċ-ċertifikat jonqos milli jikkonforma mal-obbligi tal-ħlas tiegħu fi żmien sena mid-data tan-notifika tas-sospensjoni. Id-dħul mill-ġdid tal-validità taċ-ċertifikat għandu jkun soġġett għal ħlas minn qabel tal-bilanċ tat-tariffi dovuti għall-perjodu tas-sospensjoni, flimkien ma' kwalunkwe ammont ieħor dovut f'dak iż-żmien.

3. Jekk l-Aġenzija tirrevoka ċertifikat minħabba li d-detentur taċ-ċertifikat jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli jew jonqos milli jħallas it-tariffa annwali jew it-tariffa ta' sorveljanza, il-bilanċ ta' kwalunkwe tariffa dovuta għaċ-ċiklu ta' fatturazzjoni li jkun għaddej għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

(a) għat-tariffi annwali jew ta' sorveljanza b'rata fissa applikati għal kull ċertifikat u għal kull perjodu ta' 12-il xahar, il-bilanċ ta' kwalunkwe tariffa dovuta għandu jkun 1/365 tat-tariffa b'rata fissa rilevanti għal kull jum;

(b) għat-tariffi annwali jew it-tariffi ta' sorveljanza applikati fuq bażi ta' kull siegħa, il-bilanċ ta' kwalunkwe tariffa dovuta għandu jiġi kkalkolat fuq bażi ta' kull siegħa.

L-ammonti msemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu, flimkien ma' kwalunkwe spejjeż tal-ivvjaġġar u kwalunkwe ammonti dovuti oħrajn, għandhom ikunu pagabbli kollha fid-data li fiha tidħol fis-seħħ ir-revoka.

Artikolu 12

Iċ-ċediment jew it-trasferiment taċ-ċertifikati u d-diżattivazzjoni ta' apparat ta' taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir

1. Jekk id-detentur taċ-ċertifikat iċedi ċertifikat, il-bilanċ ta' kwalunkwe tariffa dovuta għall-perjodu ta' 12-il xahar li jkun għaddej għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

(a) għat-tariffi annwali jew ta' sorveljanza b'rata fissa applikati għal kull ċertifikat u għal kull perjodu ta' 12-il xahar, il-bilanċ ta' kwalunkwe tariffa dovuta għandu jkun 1/365 tat-tariffa b'rata fissa annwali rilevanti għal kull jum;

(b) għat-tariffi annwali jew it-tariffi ta' sorveljanza imposti fuq bażi ta' kull siegħa, il-bilanċ ta' kwalunkwe tariffa għandu jiġi kkalkolat fuq bażi ta' kull siegħa.

L-ammonti msemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu għandhom ikunu pagabbli kollha flimkien mal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u kwalunkwe ammont dovut ieħor fid-data li fiha jidħol fis-seħħ iċ-ċediment.

2. Meta ċertifikat jiġi ttrasferit, it-tariffi msemmija fit-Tabelli 8 sa 15 għandhom ikunu pagabbli mid-detentur taċ-ċertifikat il-ġdid miċ-ċiklu ta' fatturazzjoni li jsegwi d-data meta t-trasferiment jidħol fis-seħħ.

3. Fil-każijiet imsemmija fit-Tabella 14 tal-Parti I tal-Anness, it-tariffa għas-sorveljanza tal-apparat fir-rigward ta' apparat għat-taħriġ ta' simulazzjoni tat-titjir għandha titnaqqas *pro-rata temporis* għall-perjodi ta' diżattivazzjoni li tintervjeni fuq talba tal-applikant.

Artikolu 13

Kompiti ta' ċertifikazzjoni fuq bażi eċċezzjonali

Għandu jiġi applikat aġġustament eċċezzjonali għat-tariffa applikata, sabiex jiġu koperti l-ispejjeż kollha mġarrba mill-Aġenzija għal kompitu ta' ċertifikazzjoni partikolari, fejn it-twettiq ta' dak il-kompitu jkun jeħtieġ li jiġu assenjati kategoriji u/jew numru ta' persunal li l-Aġenzija normalment ma tkunx tista' tassenja skont il-proċeduri standard tagħha.

KAPITOLU III

IMPOSTI

Artikolu 14

Dispożizzjonijiet ġenerali fir-rigward tal-pagament tal-imposti

1. L-ammont tal-imposti applikati mill-Aġenzija f'konformità mal-Parti II tal-Anness għandu jiġi fatturat bir-rata fis-seħħ applikabbli.

2. L-Imposti għall-forniment ta' servizzi ta' taħriġ, inklużi dawk fir-rigward tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar, għandhom jiġu applikati f'konformità mal-Parti IIa tal-Anness.

Artikolu 15

Iż-żmien tal-applikazzjoni tal-imposti u l-perjodi ta' pagament

1. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Aġenzija, wara kunsiderazzjoni xierqa tar-riskji finanzjarji, l-imposti għandhom jiġu applikati qabel ma jiġi pprovdut is-servizz.

2. L-imposti msemmija fit-Tabella 6 (il-punt 1) tal-Parti I tal-Anness għandhom jiġu applikati għal kull applikazzjoni u għal kull perjodu ta' 12-il xahar. Għall-perjodu wara l-ewwel 12-il xahar, l-imposti għandhom ikunu 1/365 tal-imposti annwali rilevanti għal kull jum.

3. L-imposti msemmija fit-Tabelli 5 u 6 (il-punt 2) tal-Parti I tal-Anness għandhom jiġu applikati għal kull applikazzjoni.

4. Meta r-riklassifikazzjoni ta' applikazzjoni twassal għal bidla fl-imposta applikabbli, l-imposti għandhom jiġu kkalkolati mill-ġdid kif xieraq b'effett mid-data ta' meta tkun waslet l-applikazzjoni.

Artikolu 16

Ir-rifjut tal-applikazzjonijiet, it-terminazzjoni u l-interruzzjoni tat-twettiq tal-kompiti relatati mal-applikazzjonijiet

1. Meta applikazzjoni tiġi rrifjutata, jew it-twettiq ta' kompitu relatat ma' applikazzjoni jiġi tterminat jew interrott, l-imposti applikabbli flimkien mal-ispejjeż tal-ivvjaġġar relatati u kwalunkwe ammont dovut ieħor għandhom ikunu jistgħu jitħallsu kollha fil-ħin li l-Aġenzija tieqaf twettaq il-kompitu.

2. Meta applikazzjoni tiġi rrifjutata jew it-twettiq ta' kompitu relatat ma' applikazzjoni jiġi tterminat, il-bilanċ ta' kwalunkwe imposta dovuta għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

(a) Għall-imposti msemmija fit-Tabella 6 (il-punt 1) tal-Parti I tal-Anness, applikati għal kull applikazzjoni u għal kull perjodu ta' 12-il xahar, il-bilanċ ta' kwalunkwe imposta dovuta għall-perjodu ta' 12-il xahar li jkun għaddej għandu jkun 1/365 tal-imposti annwali rilevanti għal kull jum. Għall-perjodi ta' qabel il-perjodu ta' 12-il xahar li jkun għaddej, l-imposti applikabbli jibqgħu dovuti.

(b) Għall-imposti msemmija fit-Tabelli 5 u 6 (il-punt 2) tal-Parti I tal-Anness u għall-imposti fissi msemmija fil-Parti II tal-Anness, imposti għal kull applikazzjoni, il-bilanċ ta' kwalunkwe imposta dovuta għandu jkun 50 % tal-imposti applikabbli.

(c) Għall-imposti msemmija fil-Parti II tal-Anness, applikati fuq bażi ta' kull siegħa, il-bilanċ ta' kwalunkwe imposti dovuti għandu jiġi kkalkolat fuq bażi ta' kull siegħa.

(d) Għal kwalunkwe imposti mhux imsemmija fil-paragrafi ta' hawn fuq, il-bilanċ dovut għandu jiġi kkalkolat fuq bażi ta' kull siegħa, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor bejn l-applikant u l-Aġenzija.

3. Meta interruzzjoni tat-twettiq ta' kompitu relatat ma' applikazzjoni tidħol fis-seħħ fl-ewwel ċiklu ta' fatturazzjoni, l-imposti għal dak iċ-ċiklu ta' fatturazzjoni ma għandhomx jiġu rrimborżati. Meta tali interruzzjoni tidħol fis-seħħ wara l-ewwel ċiklu ta' fatturazzjoni, il-bilanċ ta' kwalunkwe imposti dovuti għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-punt (a) tal-paragrafu 2. Meta, wara interruzzjoni tat-twettiq ta' kompitu relatat ma' applikazzjoni, l-Aġenzija tissokta bit-twettiq ta' dak il-kompitu, awtomatikament wara li jiskadi l-perjodu ta' interruzzjoni magħżul mill-applikant jew aktar kmieni fuq talba tal-applikant, l-Aġenzija għandha timponi imposta ġdida, irrispettivament mill-imposti li diġà jkunu tħallsu għall-kompitu interrott.

4. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament,

(a) it-terminazzjoni tat-twettiq ta' kompitu fuq talba tal-applikant għandha titqies effettiva fid-data li fiha tasal it-talba;

(b) it-terminazzjoni tat-twettiq ta' kompitu fuq inizjattiva tal-Aġenzija għandha titqies effettiva fid-data li fiha d-deċiżjoni dwar it-terminazzjoni tiġi kkomunikata lill-applikant;

(c) l-interruzzjoni tat-twettiq ta' kompitu fuq talba tal-applikant għandha titqies effettiva fid-data indikata mill-applikant, iżda mhux qabel id-data meta t-talba tasal għand l-Aġenzija.

5. L-imposti mħallsin għal kompitu relatat ma' applikazzjoni, li t-twettiq tiegħu jkun ġie tterminat, ma għandhomx jitqiesu għal kwalunkwe kompitu sussegwenti, anki jekk ikun tal-istess natura bħall-kompitu tterminat.

KAPITOLU IV

APPELLI

Artikolu 17

L-ipproċessar tal-appelli

1. It-tariffi għandhom jiġu applikati għall-ipproċessar tal-appelli ppreżentati skont l-Artikolu 108 tar-Regolament (UE) 2018/1139. L-ammonti tat-tariffi għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mal-metodu stabbilit fil-Parti III tal-Anness. Appell għandu jkun ammissibbli biss meta t-tariffa għall-appell tkun tħallset fil-perjodu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu 3.

2. Persuna ġuridika li tressaq appell għandha tissottometti lill-Aġenzija ċertifikat iffirmat minn uffiċjal awtorizzat li jispeċifika l-fatturat tal-appellant. Dak iċ-ċertifikat għandu jiġi sottomess lill-Aġenzija flimkien mal-appell.

3. It-tariffi tal-appelli għandhom jitħallsu skont il-proċedura applikabbli stabbilita mill-Aġenzija fi żmien 60 jum kalendarju mid-data li fiha l-appell ikun ġie rreġistrat fl-Aġenzija.

4. Jekk l-appell jiġi konkluż favur l-appellant, it-tariffi tal-appell imħallsin għandhom jiġu rrimborżati mill-Aġenzija.

KAPITOLU V

PROĊEDURI TAL-AĠENZIJA

Artikolu 18

Dispożizzjonijiet ġenerali

L-Aġenzija għandha tiddistingwi bejn, minn naħa waħda, id-dħul u l-infiq attribwibbli għall-kompiti ta' ċertifikazzjoni mwettqa u s-servizzi pprovduti u, min-naħa l-oħra, id-dħul u l-infiq attribwibbli għal attivitajiet iffinanzjati permezz ta' sorsi oħrajn ta' dħul.

Għal dak l-għan:

(a) it-tariffi u l-imposti applikati mill-Aġenzija għandhom jinżammu f'kont separat u għandhom ikunu s-suġġett ta' proċedura ta' kontabbiltà separata;

(b) l-Aġenzija għandha tfassal u tuża kontabbiltà analitika għad-dħul u l-infiq tagħha.

Artikolu 19

Evalwazzjoni u reviżjoni

1. Kull sena, l-Aġenzija għandha tipprovdi lill-Kummissjoni, lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Korp Konsultattiv tal-Partijiet Ikkonċernati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 98(4) tar-Regolament (UE) 2018/1139 b'informazzjoni dwar il-komponenti li jservu bħala bażi sabiex jiġi ddeterminat il-livell tat-tariffi. Dik l-informazzjoni għandha tikkonsisti b'mod partikolari fi tqassim tal-ispejjeż marbuta mas-snin preċedenti u ma' dawk li jmiss.

2. L-Aġenzija għandha tevalwa perjodikament l-Anness bl-għan li tivverifika jekk informazzjoni sinifikanti relatata mas-suppożizzjonijiet sottostanti għad-dħul u l-infiq antiċipati tal-Aġenzija hijiex debitament riflessa fl-ammonti tat-tariffi jew imposti applikati mill-Aġenzija.

3. Dan ir-Regolament għandu jiġi rivedut meta jkun meħtieġ, b'mod partikolari billi jitqiesu d-dħul tal-Aġenzija u l-ispejjeż relatati tagħha.

4. L-Aġenzija għandha tikkonsulta mal-Korp Konsultattiv tal-Partijiet Ikkonċernati msemmi fil-paragrafu 1 f'konformità mal-Artikolu 126(4) tar-Regolament (UE) 2018/1139 qabel ma tagħti l-opinjoni tagħha u għandha tispjega r-raġunijiet għal kwalunkwe bidla proposta.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI U FINALI

Artikolu 20

Tħassir

Ir-Regolament (UE) Nru 319/2014 huwa mħassar, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 21(5).

Artikolu 21

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. It-tariffi annwali jew ta' sorveljanza stabbiliti fit-Tabelli 1, 2, 3, 8 sa 13 u 15 tal-Parti I tal-Anness għandhom japplikaw għal kwalunkwe kompitu ta' ċertifikazzjoni li jkun għaddej fid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament miċ-ċiklu ta' fatturazzjoni li jmiss wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Ir-rati fis-siegħa stabbiliti fil-Parti II tal-Anness għandhom japplikaw mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għal kwalunkwe kompitu li jkun għaddej fid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u li t-tariffi jew l-imposti għalihom jiġu kkalkolati fuq bażi ta' kull siegħa.

3. Fil-każijiet imsemmija fit-Tabella 5 u t-Tabella 6 tal-Parti I tal-Anness, kif ukoll fir-rigward tat-tariffi għall-approvazzjoni tal-organizzazzjoni u t-tariffi għall-approvazzjoni tal-kwalifikazzjoni tal-apparat imsemmija fit-Tabella 14 tal-Parti I tal-Anness, u minkejja dawk id-dispożizzjonijiet, it-tariffi u l-imposti relatati mal-applikazzjonijiet li jkunu għaddejjin fid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu kkalkolati skont il-Parti II tal-Anness sat-tlestija tal-kompiti li jirriżultaw minn dawk l-applikazzjonijiet.

4. Fil-każijiet imsemmija fit-Tabella 14 tal-Parti I tal-Anness, għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 3, it-tariffi msemmija fit-tabella għandhom japplikaw mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

5. Soġġetti għall-paragrafi 2, 3 u 4, it-tariffi u l-imposti għaċ-ċikli ta' fatturazzjoni li jkunu għaddejjin fid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 319/2014.

Artikolu 22

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

KONTENUT:

Parti I: Kompiti li jintalab ħlas għalihom b'rata fissa

Parti II: Kompiti jew servizzi ta' ċertifikazzjoni li jintalab ħlas għalihom b'rata fis-siegħa

Parti IIa: Imposti għall-forniment ta' servizzi ta' taħriġ

Parti III: Imposti għall-appelli

Parti IV: Rata ta' inflazzjoni annwali

Parti V: Nota ta' Spjegazzjoni

PARTI I

Kompiti li jintalab ħlas għalihom b'rata fissa

Tabella 1

Ċertifikati tat-Tip, Ċertifikati tat-Tip Ristretti u Awtorizzazzjonijiet għal Ordni ta' Standard Tekniku Ewropew

(imsemmija fis-Sottoparti B u s-Sottoparti O tat-Taqsima A tal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012) ([1])

	Tariffa b'rata fissa (EUR)
Inġenji tal-Ajru tal-Qtugħ mill-Art u l-Inżul Orizzontali (HTOL) bi Bdot Abbord	
Aktar minn 150 000 kg	2 055 230
Aktar minn 55 000 kg sa 150 000 kg	1 693 040
Aktar minn 22 000 kg sa 55 000 kg	564 350
Aktar minn 5 700 kg sa 22 000 kg (inkluż HPA ta' aktar minn 2 730 kg sa 5 700 kg)	420 700
Aktar minn 2 730 kg sa 5 700 kg (inkluż HPA ta' aktar minn 1 200 kg sa 2 730 kg)	139 980
Aktar minn 1 200 kg sa 2 730 kg (inkluż HPA sa 1 200 kg)	15 890
Sa 1 200 kg	5 300
Inġenji tal-Ajru tal-Qtugħ mill-Art u l-Inżul Vertikali (VTOL) bi Bdot Abbord	
Kbar	476 100
Medji	190 450
Żgħar	23 850
Ħfief Ħafna	23 850
Blalen tal-arja	7 380
Iġfna tal-Ajru Kbar	42 950
Iġfna tal-Ajru Medji	16 360
Iġfna tal-Ajru Żgħar	8 190

Propulsjoni	
Magni bit-turbini b'forza propulsiva waqt il-qtugħ mill-art ta' aktar minn 25 KN jew b'potenza tal-output waqt il-qtugħ mill-art ta' aktar minn 2 000 kW	405 310
Magni bit-turbini b'forza propulsiva waqt il-qtugħ mill-art sa 25 KN jew b'potenza tal-output waqt il-qtugħ mill-art sa 2 000 kW	270 170
Magni mingħajr turbini	36 920
Magni CS-22.H, CS-VLR App. B	18 460
Skrun għall-użu fuq inġenji tal-ajru b'MTOW ta' aktar minn 5 700 kg	12 610
Skrun għall-użu fuq inġenji tal-ajru b'MTOW sa 5 700 kg	3 600
Skrun tal-Klassi CS-22J	1 800
Partijiet u Tagħmir Mhux Installat	
Valur aktar minn EUR 20 000	9 300
Valur bejn EUR 2 000 u EUR 20 000	5 320
Valur inqas minn EUR 2 000	3 090
Unità ta' Potenza Awżiljarja (APU)	221 120

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 tat-3 ta' Awwissu 2012 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-airworthiness u ambjentali ta' inġenji tal-ajru u ta' prodotti, partijiet u tagħmir relatati, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni (ĠU L 224, 21.8.2012, p. 1).

Tabella 2

Ċertifikati tat-Tip Supplimentari

(imsemmija fis-Sottoparti E tat-Taqsima A tal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012)

	Tariffa b'rata fissa (EUR)			
	Kumpless Sinifikanti	Sinifikanti	Standard	Sempliċi
Inġenji tal-Ajru tal-Qtugħ mill-Art u l-Inżul Orizzontali (HTOL) bi Bdot Abbord				
Aktar minn 150 000 kg	952 500	76 480	16 330	4 650
Aktar minn 55 000 kg sa 150 000 kg	680 880	45 900	13 060	3 660
Aktar minn 22 000 kg sa 55 000 kg	378 140	30 600	9 790	3 330
Aktar minn 5 700 kg sa 22 000 kg (inkluż HPA ta' aktar minn 2 730 kg sa 5 700 kg)	290 420	18 360	6 540	3 330
Aktar minn 2 730 kg sa 5 700 kg (inkluż HPA ta' aktar minn 1 200 kg sa 2 730 kg)	119 970	5 610	2 580	1 290
Aktar minn 1 200 kg sa 2 730 kg (inkluż HPA sa 1 200 kg)	6 140	1 970	1 230	610
Sa 1 200 kg	3 630	310	310	310
Inġenji tal-Ajru tal-Qtugħ mill-Art u l-Inżul Vertikali (VTOL) bi Bdot Abbord				
Kbar	321 710	58 950	8 840	2 950
Medji	188 500	29 480	5 900	2 360

Żgħar	15 080	11 800	4 420	1 480
Ħfief Ħafna	9 610	1 110	490	310
Inġenji tal-Ajru Oħrajn bi Bdoti Abbord				
Blalen tal-arja	3 630	1 050	490	310
Iġfna tal-Ajru Kbar	37 700	15 970	12 780	6 390
Iġfna tal-Ajru Medji	15 090	4 910	3 930	1 970
Iġfna tal-Ajru Żgħar	7 520	2 460	1 970	990
Propulsjoni				
Magni bit-turbini b'forza propulsiva waqt il-qtugħ mill-art ta' aktar minn 25 KN jew b'potenza tal-output waqt il-qtugħ mill-art ta' aktar minn 2 000 kW	190 090	14 740	8 840	5 900
Magni bit-turbini b'forza propulsiva waqt il-qtugħ mill-art sa 25 KN jew b'potenza tal-output waqt il-qtugħ mill-art sa 2 000 kW	185 830	8 840	6 940	4 630
Magni mingħajr turbini	34 710	3 440	1 540	770
Magni CS-22.H, CS-VLR App. B	17 410	1 730	770	370
Skrun għall-użu fuq inġenji tal-ajru b'MTOW ta' aktar minn 5 700 kg	7 020	2 460	1 230	610
Skrun għall-użu fuq inġenji tal-ajru b'MTOW sa 5 700 kg	2 140	1 840	920	470
Skrun tal-Klassi CS-22J	1 080	920	470	230
Partijiet u Tagħmir Mhux Installat				
Valur aktar minn EUR 20 000	—	—	—	—
Valur bejn EUR 2 000 u EUR 20 000	—	—	—	—
Valur inqas minn EUR 2 000	—	—	—	—
Unità ta' Potenza Awżiljarja (APU)	136 280	7 370	4 920	2 460

Tabella 3

Bidliet Maġġuri u Tiswijiet Maġġuri

(imsemmija fis-Sottoparti D u s-Sottoparti M tat-Taqsima A tal-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012)

	Tariffa b'rata fissa (EUR)				
	Tariffa tal-mudell [1]	Kumpless Sinifikanti	Sinifikanti	Standard	Sempliċi
